

Mario Fenech

# Żewġ Kwadri bi xbieha ta' San Pietru fil-Knisja "Ta' Lapsi" San Ġiljan



Fil-Knisja Parrokkjali l-qadima ta' San Ġiljan hemm diversi opri artistiċi sbieħ li huma kkurati sew mill-grupp ta' rġiel li jieħdu ħsieb din il-Knisja matul is-sena kollha.

Fortunatament meta nbiet il-Knisja Parrokjali l-ġdida ta' San Ġiljan ma ntilef xejn minn dawk l-opri li hija mżejna bih din il-Knisja ta' Lapsi.

Il-Knisja nbiet fi żmien meta l-Kavallier tal-Ordni ta' San Ġwann kienu jmorru lejn dawn l-inħawi għall-kaċċa, għaldaqstant kienu jmorru f'din il-Knisja għal ħtiġijiet spiritwali tagħhom u joffru xi opra partikolari lill-Knisja.

Jista' jkun dan il-fatt li l-Knisja hemm dawn ix-xogħlijiet antiki, sbieħ ta' valur kbir.





Hemm numru ta' kwadri li tnejn minnhom naraw il-figura ta' San Pietru f'żewġ episodji differenti u importanti mill-ħajja tiegħu.

*Hemm numru ta' kwadri li tnejn minnhom naraw il-figura ta' San Pietru f'żewġ episodji differenti u importanti mill-ħajja tiegħu*

Fi kwadru minnhom naraw lil San Pietru u San Pawl qegħdin jittieħdu biex jirċievu l-martirju tagħhom. Hawnhekk naraw xebh kbir ma' żewġ kwadri oħrajn li huma l-Kwadru Titulari tal-Bażilika ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur Għawdex u l-pittura ta' waħda mil-lunetti li hemm fil-Knisja tal-Ġiżwiti fil-Belt Valletta.

Għalkemm fl-ebda każ ma nafu min pinġa dawn ix-xogħlijiet, x'aktarx li dawn ħarġu minn idejn l-allievi fil-bottega ta' Mattia Preti.

Il-kwadru l-ieħor għandu suġġett interessanti li ftit niltaqgħu miegħu fil-Knejjes tagħna. Hawnhekk naraw il-ħelsien ta' San Pietru mill-ħabs mgħejjun mill-mibgħut l-Alla rappreżentat fil-figura ta' anġlu.

Il-kuluri f'dan ix-xogħol huma sbieħ fiwaqt li x-xena hija ftit movimentata aktar minn dik tal-Kwadru l-ieħor. Il-figura ta' San Pietru hija nistgħu ngħidu kopja viċin ħafna ta' dik li hemm fil-kwadru Titulari tal-Bażilika tan-Nadur.

Min pitter dan ix-xogħol jidher li kien jaf sew x'qiegħed jagħmel bil-pinzell tiegħu, għaliex filwaqt li pinġa l-figura ta' San Pietru b'kuluri li jolqtu l-għajn, il-figura tal-anġlu pinġieha fi sfond skur għalkemm il-libsa hija ta' kulur ċar. B'hekk ma naqqas xejn mill-importanza tal-Qaddis f'dan ir-rakkont tiegħu fuq it-tila.

Matul dawn l-aħħar snin f'din il-Knisja sar ħafa xogħol ta' restawr fosthom dawn il-kwadri li semmejt f'din il-kitba tiegħi. Dan ix-xogħol ta' restawr għandna ninkoraġġuh jekk dak li sibna ngħadduh fi stat tajjeb lil dawk ta' warajna nkunu qegħdin napprezzaw bl-aħjar mod dawn ix-xogħlijiet sbieħ.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.